# Is-Sitt Ħadd tal-Għid

## Qari I

*Qiegħdu idejhom fuqhom, u  huma rċevew l-Ispirtu s-Santu.*

Atti 8, 5-8.14-17

**Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**

F'dak iż-żmien, [5]Filippu niżel f'belt tas-Samarija u xandar lil Kristu
lin-nies tagħha. [6]Il-folol tan-nies b'fehma waħda kienu joqogħdu
attenti għal dak li kien jgħidilhom Filippu, meta kienu jisimgħuh
u jaraw il-mirakli li kien jagħmel. [7]Kien hemm nies maħkuma
mill-ispirti ħżiena, u dawn b'għajat kbir kienu joħorġu minn ħafna
minnhom; u ħafna nies oħrajn, mifluġa jew zopop, kienu jitfejqu.
[8]U kien hemm ferħ kbir f'dik il-belt.

[14]L-appostli, li kienu Ġerusalemm, semgħu li s-Samarija laqgħet
il-kelma ta' Alla, u bagħtu hemm lil Pietru u lil Ġwanni. [15]Dawn niżlu
hemm u talbu biex dawk li emmnu jirċievu l-Ispirtu s-Santu; [16]għax
l-Ispirtu s-Santu kien għadu ma niżel fuq ħadd minnhom, imma
kienu tgħammdu biss f'isem il-Mulej Ġesù. [17]Imbagħad l-appostli
qiegħdu idejhom fuqhom, u huma rċevew l-Ispirtu s-Santu.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 65 (66), 1-3a.4-5.6-7a.16.20

R/. (1): Għajtu bil-ferħ lil Alla,
bnedmin tad-dinja kollha
*Jew*
R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah

1 Għajtu bil-ferħ lil Alla,
bnedmin tad-dinja kollha;
2 għannu s-sebħ ta' ismu,
xandru s-sebħ u t-tifħir tiegħu.
3 Għidu lil Alla: «Kemm int tal-biża' f'għemilek! R/.

4 L-art kollha tagħtik qima,
tgħannilek u tgħanni lil ismek.»
5 Ejjew, araw l-għemejjel ta' Alla;
tal-biża' f'għemilu fost il-bnedmin. R/.

6 Biddel il-baħar f'art niexfa,
għaddew bil-mixi minn nofs ix-xmara.
Għalhekk, nifirħu bih!
7 Hu jsaltan bil-kobor tiegħu għal dejjem. R/.

16 Ejjew, isimgħu, u ngħidilkom,
intom ilkoll li tibżgħu minn Alla,
ngħidilkom x'għamel miegħi.
20 Imbierek Alla, li ma warrabx it-talba tiegħi;
ma warrabx minn fuqi t-tjieba tiegħu! R/.

## Qari II

*Ġie mogħti għall-mewt fil-ġisem, imma ħa l-ħajja fir-ruħ.*

1 Piet 3, 15-18

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pietru Appostlu**

Għeżież, [15]lill-Mulej Kristu qaddsu f'qalbkom. Kunu dejjem lesti biex
tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom.

[16]Imma wieġbu bil-ħlewwa u bir-rispett. Żommu safja l-kuxjenza
tagħkom biex, meta jgħidu fuqkom, dawk stess li jkasbru l-imġiba
tajba tagħkom fi Kristu jkollhom għalxiex jisthu. [17]Jekk din tkun
ir-rieda ta' Alla, aħjar tbati għax tkun għamilt it-tajjeb milli għax tkun
għamilt il-ħażin.

[18]Għax Kristu wkoll miet darba għal dejjem minħabba d-dnubiet; hu
li kien ġust, miet għall-inġusti biex iressaqkom lejn Alla; kien mogħti
l-mewt fil-ġisem, imma ħa l-ħajja fl-ispirtu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 14, 23

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, jgħid il-Mulej;
u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Jiena nitlob il-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor.*

Ġw 14, 15-21

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: [15]«Jekk tħobbuni, ħarsu
l-kmandamenti tiegħi. [16]U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom
Difensur ieħor biex jibqa' magħkom għal dejjem, [17]l-Ispirtu tal-verità,
li d-dinja ma tistax tirċevih, għax hija la tarah u lanqas tagħrfu. Iżda
intom tagħrfuh, għaliex jgħammar magħkom, u huwa fikom.

[18]Ma nħallikomx iltiema. Nerġa' niġi għandkom. [19]Ftit ieħor, u
d-dinja ma taranix aktar. Iżda intom għad tarawni, għax jiena ngħix,
u intom ukoll għad tgħixu. [20]F'dak il-jum intom tagħrfu li jiena
f'Missieri, u intom fija u jiena fikom.

[21]Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni;
u min iħobb lili, iħobbu wkoll il-Missier, u jiena wkoll inħobbu u
nurih lili nnifsi.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu

Meta s-solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema tiġi ċċelebrata nhar il-Ħadd li ġej, illum jistgħu jinqraw it-tieni qari u l-Evanġelju tas-seba' Ħadd tal-Għid.